



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2010/0232(COD)

1.3.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 98/78/KE, 2002/87/KE u 2006/48/KE fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari tal-entitajiet finanzjarji f'konglomerati finanzjarji (COM(2010)0433 – C7-0203/2010 – 2010/0232(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sebastian Valentin Bodu

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 (id-'Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji') introduċiet superviżjoni supplimentari u kkonsolidata tal-gruppi finanzjarji. L-objettiv ta' dik is-superviżjoni supplimentari kien li tikkontrolla r-riskji potenzjali li joħorġu mill-adulterazzjoni kapitali (jiġifieri użu multiplu tal-kapital) u l-hekk imsejħa riskji tal-grupp: ir-riskju ta' kontaġju, il-kumplessità maniġerjali, il-konċentrazzjoni u l-kunflitti ta' interessa li jistgħu joħorġu meta ħafna liċenzji għal servizzi finanzjarji differenti jingħaqdu flimkien.

Filwaqt li d-direttivi relatati mal-attivitajiet tal-banek u l-attivitajiet tal-assikurazzjoni jfittxu li jikkostitwixxu bizzżejjed bafers kapitali biex jipproteġu l-konsumaturi u t-titolari tal-poloz, id-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji tirregola s-superviżjoni supplimentari tar-riskji tal-grupp.

L-għan primarju ta' din il-proposta huwa li tiġi żgurta superviżjoni supplimentari xierqa, jiġifieri li ssewwi l-lakuni mhux intenzjonati li żviluppaw fis-superviżjoni supplimentari minħabba definizzjonijiet fid-direttivi settorjali, jiġifieri d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali u d-direttivi dwar l-assikurazzjoni. Minħabba li s-superviżjoni konsolidata/ta' grupp fid-direttivi settorjali hija applikata biss għal kumpaniji b'parteċipazzjoni finanzjarja/tal-assikurazzjoni u d-dispożizzjonijiet settorjali ma għamlux referenza għal kumpaniji b'parteċipazzjoni finanzjarja mħallta, kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja/tal-assikurazzjoni li tibdel l-istruttura u ssir kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja mħallta, tkun soġġetta biss għas-superviżjoni supplimentari skont id-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji u tintilef is-superviżjoni konsolidata/ta' grupp fil-livell prinċipali finali. Għaldaqstant, l-awtoritajiet superviżorji jkollhom jagħżlu (jekk japplikawx - jew le - rinunzja meta jiddeterminaw jekk grupp huwiex konglomerat finanzjarju) jekk iridu jkomplu jikklassifikaw il-kumpaniji bħala kumpaniji b'parteċipazzjoni finanzjarja/tal-assikurazzjoni sabiex iżommu superviżjoni konsolidata/ta' grupp, jew jekk iridux japplikaw 'biss' is-superviżjoni supplimentari skont id-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji.

Id-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji tissupplimenta d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali u d-direttivi dwar l-assikurazzjoni fir-rigward tas-superviżjoni addizzjonali fl-ogħla livell tal-grupp. Għal dak il-għan, hija tinkludi wkoll dispożizzjonijiet għall-koordinazzjoni bejn superviżuri differenti ta' grupp. Id-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji tiddefinixxi l-awtorità kompetenti rilevanti u teħtieġ li l-koordinatur (is-superviżur tal-ogħla livell) jikkonsulta ma' din l-awtorità dwar ċerti kwistjonijiet superviżorji. Madankollu, id-dispożizzjonijiet attwali jħallu spazju għal interpretazzjonijiet differenti fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Interpretazzjoni estenżiva tirriżulta f'għadd kbir ta' awtoritajiet li jridu jiġu kkonsultati mill-koordinatur fil-livell ta' konglomerat finanzjarju. Dan jista' jhedded il-koordinazzjoni effettiva u effiċċenti tax-xogħol li għandu jitwettaq mill-"*"kulleġġ"* li jikkonsisti minn koordinatur u l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Sabiex tkun permessa aktar konverġenza tal-prassi superviżorja ddaħħlet possibbiltà li l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assikurazzjoni u l-Pensionijiet tax-Xogħol joħorġu linji gwida. Dan għandu jirrifletti n-natura supplimentari tad-Direttiva. Bħala

eżempju, meta ssir valutazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju fuq bażi ta' grupp sħiħ, li tirrigwarda diversi tipi ta' riskji li jistgħu jimmaterjalizzaw ruħhom fil-grupp (riskju tar-rata tal-interess, riskju tas-suq, eċċ), din il-valutazzjoni għandha tikkumplimenta s-superviżjoni spċċifika, pereżempju ta' esponenti kbar kif ipprovdut fid-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali. Il-proposta hija favur il-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u s-sussidjarjetta u tenfasizza l-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea biss tista' tiżgura li l-konglomerati finanzjarji li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed huma suġġetti għall-istess rekwiżiti u superviżjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbi, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva - att li jemenda

Artikolu 1 – punt 4

Direttiva 98/78/KE

Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta impriżi tal-assigurazzjoni jew impriżi tar-riassigurazzjoni awtorizzati f'żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom bħala l-impriża prinċipali tagħhom l-istess kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni, impriża tal-assigurazzjoni minn pajjiż mhux membru, impriża tar-riassigurazzjoni minn pajjiż mhux membru, kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja mħallta jew kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni b'attività mħallta, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati jistgħu jilħqu ftehim fuq minnhom għandu jkun responsabbi sabiex jeżerċita s-superviżjoni supplimentari.

Emenda

2. Meta impriżi tal-assigurazzjoni jew impriżi tar-riassigurazzjoni awtorizzati f'żewġ Stati Membri jew aktar ikollhom bħala l-impriża prinċipali tagħhom l-istess kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni, impriża tal-assigurazzjoni minn pajjiż mhux membru, impriża tar-riassigurazzjoni minn pajjiż mhux membru, kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja mħallta jew kumpanija b'parteċipazzjoni tal-assigurazzjoni b'attività mħallta, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati jistgħu jilħqu ftehim fuq minnhom għandu jkun responsabbi sabiex jeżerċita s-superviżjoni supplimentari.

Meta l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Ewropea tal-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) jew it-tnejn, kif xieraq, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej,

għandhom jarbitraw bejn l-awtoritajiet kompetenti, u jekk ikun meħtieġ isolvu n-nuqqas ta' qbil u joħorġu deċiżjoni li torbot.

Emenda 2

Proposta għal direttiva - att li jemenda

Artikolu 2 – punt 3

Direttiva 2002/87/KE

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jiġi applikat il-metodu 2 (Tnaqqis u aggregazzjoni) imsemmi fl-Anness I, il-kalkolu għandu jikkunsidra s-sehem proporzjonali miżimum mill-impriża prinċipali jew impriża li jkollha parteċipazzjoni f'entità oħra tal-grupp. ‘Sehem proporzjonali’ tfisser il-proporzjon tal-kapital sottoskrift li jkun miżimum direttament jew indirettament minn dik l-impriża. ‘Sehem proporzjonali’ tfisser il-proporzjon tal-kapital sottoskrift li jkun miżimum direttament jew indirettament minn dik l-impriża *jew, fejn ikun hemm ishma ta' votazzjoni multipla, tad-drittijiet tal-vot li jirrigwardaw l-azzjonisti.*

Emenda

Meta jiġi applikat il-metodu 2 (Tnaqqis u aggregazzjoni) imsemmi fl-Anness I, il-kalkolu għandu jikkunsidra s-sehem proporzjonali miżimum mill-impriża prinċipali jew impriża li jkollha parteċipazzjoni f'entità oħra tal-grupp. ‘Sehem proporzjonali’ tfisser il-proporzjon tal-kapital sottoskrift li jkun miżimum direttament jew indirettament minn dik l-impriża *jew, fejn ikun hemm ishma ta' votazzjoni multipla, tad-drittijiet tal-vot li jirrigwardaw l-azzjonisti.*

Ġustifikazzjoni

Xi kultant jaf iku hemm ishma ta' votazzjoni multipla (ħafna voti għal kull sehem); li jgħodd f'dawn il-każijiet huma l-voti u mhux is-sehem tal-kapital li wieħed ikollu –jiġifieri l-livell ta' kontroll eżerċitat.

Emenda 3

Proposta għal direttiva - att li jemenda

Artikolu 3 – punt 13

Direttiva 2006/48/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għandhom jaapplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-[**1 ta' Lulju 2011**].

Emenda

Għandhom jaapplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-[**31 ta' Ottubru 2011**].

Ġustifikazzjoni

L-iskadenza tal-1 ta' Lulju 2011 hija qasira wisq għall-implimentazzjoni ta' direttiva fil-livell nazzjonali minħabba t-tul ta' żmien meħtieġ għat-traspożizzjoni.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttivi 98/78/KE, 2002/87/KE u 2006/48/KE fir-rigward tas-superviżjoni supplimentari tal-entitajiet finanzjarji f'konglomerati finanzjarji
Referenzi	COM(2010)0433 – C7-0203/2010 – 2010/0232(COD)
Kumitat responsabbli	ECON
Opinjoni(jet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 7.9.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sebastian Valentin Bodu 27.10.2010
Eżami fil-kumitat	27.1.2011
Data tal-adozzjoni	28.2.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 18 0 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Piotr Borys, Sergio Gaetano Cofferati, Sajjad Karim, Eva Lichtenberger, Toine Manders